# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Mejju 2024**

**Rikors Nru: 577/2023**
**Nru fuq il-Lista: 6**

**Joseph Spiteri (KI. 331053M), George Spiteri (KI. 422056M), Cathy Aquilina (KI. 833551M), Anthony Spiteri (KI. 489257M), Philip Spiteri (KI. 412355M), Emanuel Spiteri (Numru ta' Licenzja Awstraljana 042689438)**

**vs**

**Joseph Delicata (KI. 129341M) u Carmela Delicata (KI. 1045144M)**

**Il-Bord;**

Ra r-rikors promotur datat 23 ta' Novembru 2023[1], flimkien mad-dokumenti annessi, li permezz tiegħu, ġie premess u intalab is-segwenti;

1. *Illi r-rikorrenti huma komproprjetarji ta' sebgha minn tmien parti indivizi ($^{7}/_{8}$) tal-fond* ***10, Sta Rita, Triq il-Papa Urbanu VIII,***

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

***Birkirkara** li huma akkwistaw per via di successione mill-wirt tal-mejtin genituri taghhom Anthony u Concetta Spiteri li mietu fis-17 ta' Dicembru 1987 u fit-2 ta' Gunju 2005 rispettivament, u dan skond **DOK A** u **DOK B** rispettivament, u dan flimkien ma' ohthom Eugenia Galea (KI. 145759M).*

2. *Illi dan il-fond huwa mikri lill-intimati **Joseph Delicata (KI. 129341M)** u **Carmela Delicata (KI. 1045144M)** bil-kera ta' €256 fis-sena pagabbli kull l-ewwel ta' Awwissu bil-quddiem.*

3. *Illi dan il-fond kien originarjament inxtara mill-konjugi Anthony u Concetta Spiteri b'kuntratt tal-31 ta' Mejju 1979 fl-Atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt, **DOK C** hawn anness u mmarkat.*

4. *Illi dan l-wirt tal-**konjugi Spiteri** ddevolva fuq uliedhom ir-**rikorrenti u Eugenia Galea u ohthom Maria Spiteri,** permezz ta' testment tat-23 ta' Settembru 1972 fl-Atti tan-Nutar Dottor Nicola Said.*

5. *Illi s-successjoni ta' Anthony Spiteri giet debitament dikjarata lill-Kummissarju tat-Taxxi interni skond Denunzja Nru 658/1988, **DOK D** hawn annessa u mmarkata, waqt li d-dikjarazzjoni causa mortis ta' Concetta Spiteri giet debitament dikjarata lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni b'kuntratt tal-4 ta' Gunju 2019 fl-Atti tan-Nutar Dottor Annalise Micallef, **DOK E** hawn anness u mmarkat, u B'dikjarazzjoni causa mortis ohra tal-4 ta' Frar 2019 fl-Atti tan-Nutar Dottor Annalise Micallef, **DOK F** hawn anness u mmarkat.*
6. *Illi ohthom **Maria Spiteri** mietet xebba ab intestato u minghajr prole fl-20 ta' Marzu 2015 u l-wirt taghha gie debitament dikjarat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni b'dikjarazzjoni causa mortis tal-4 ta' Gunju 2019 fl-Atti tan-Nutar Dottor Annalise Micallef, **DOK G** hawn*

*anness u mmarkat, u b'dikjarazzjoni causa mortis ohra tal-4 ta' Frar 2019 fl-Atti tan-Nutar Dottor Annalise Micallef,* ***DOK H*** *hawn anness u mmarkat.*

7. *Illi b'hekk, il-wirt tal-mejtin konjugi Spiteri u ta' Maria Spiteri ddevolva fuq ir-rikorrenti odjerni u ohthom Eugenia Galea fejn ir-rikorrenti ghandhom 7/8 indivizi bejniethom filwaqt li Eugenia Galea ghandha ottava (1/8) parti indiviza tal-fond imsemmi*

8. *Illi dan il-fond huwa fond dekontrollat skond Certifikat Nru 18424/79 skond* ***DOK I*** *hawn anness u mmarkat.*

9. *Illi ai termini tal- Artiklu 5 u tal-Artiklu 12 B tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta bl-emendi li sarulha bl-Att V tal-2009, r-rata tal-kera ghandha tizdied biss kull tlett snin b'mod proporzjonali ghal mod li bih ikun jizdied l-Indici ta' Inflazzjoni skond l-Artikolu XIII tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar bl-awment li jmiss fl-1 ta' Jannar 2024, liema awmenti huma tenwi ghall-ahhar.*

10. *Illi l-protezzjoni moghtija lill-inkwilini* ***intimati Delicata*** *bid-dispozizzjonijiet tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009 m'humiex gusti u ma jikkreawx bilanc ta' proporzjonalita' bejn id-drittijiet tas-sidt u dawk tal-inkwilina stante li l-valur lokatizzju tal-fond huwa ferm oghla minn dak stabbilit fil-ligi u ghalhekk huma bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu (6) tal-Konvenzjoni.*

11. *Illi l-livell baxx tal-kera, l-istat tal-incertezza tal-possibilità tat-tehid lura tal-proprjeta', in-nuqqas ta' salvagwardji procedurali, iz-zieda fil-livell tal-ghejxien f'Malta f'dawn l-ahhar decenni u l-interferenza*

*sproporjzonata bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini ikkreaw piz eccessiv fuq ir-rikorrenti.*

12. *Illi f'dan l-istadju, ai termini tal-Att XXIV tal-2021 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti huma intitolati jippreżentaw rikors quddiem dan il-Bord fejn jitolbu li l-kera tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar tas-sena li matulha jiġi preżentat ir-rikors, ossia l-2023, u sabiex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera.*

13. *Illi dan l-Onorabbli Bord ghandu jirrevedi l-kera ghall-massimu permissibbli mil-Ligi, u dan mhux biss in vista tal-fatt li l-esponent qieghed isofri ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu minhabba li huwa kostrett jirċievi kera rrizorja, imma anke minhabba l-fatt illi l-Awtorità tad-Djar ser taghti benefiċċju li jkopri ż-żieda tal-kera lill-inkwilini.*

***Ghaldaqstant, ir-rikorrrenti jitolbu bil-qima lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu:-***

I. ***Jiddikjara u Jiddeciedi*** *illi* ***l-initmati Joseph Delicata (KI. 129341M) u Carmela Delicata (KI. 1045144M) huma inkwilini*** *tar-rikorrenti fil-fond* **10, Sta Rita, Triq il-Papa Urbanu VIII, Birkirkara** *ai termini tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta.*

II. ***Jordna*** *illi jitwettaq it-test tal-mezzi tal-inkwilini intimati* ***Joseph Delicata (KI. 129341M) u Carmela Delicata (KI. 1045144M)*** *ai termini tal-Artiklu 5 tal-Kap 158 liema test tal-mezzi ghandu jkun*

*ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Mezzi, mahruga taht l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom.*

III. **Konsegwentement Jiddikjara u Jiddeciedi** *illi ai termini tal-Artiklu 5 tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta l-kera ghandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena, jew kwalunkwe persentagg li jista' minn żmien ghal żmien jigi stabbilit, tal-valur liberu u frank fis-suq miftuh tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar 2023, u cioe s-sena li matulha gie preżentat ir-rikors u sabiex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera jekk jkun il-kaz.*

IV. **Tikkundanna** *lill-inkwilini intimati* **Joseph Delicata (KI. 129341M) u Carmela Delicata (KI. 1045144M)** *jibdew jhallsu dik it-tali kera hekk likwidata.*

V. **Jaghti dawn l-ordnijiet necessarji** *ai termini tal- Artikolu 12B(4) tal-Kap 158 f'kaz li l-kerreja ma jissodisfawx il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi.*

***Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni u b'riserva u minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi azzjoni ohra li tista' talvolta tigi prezentata.***

Ra d-digriet ta' dan il-Bord datat 5 ta' Diċembru 2023[2] fejn ir-rikors ġie appuntat għas-smiegħ.

[2] A fol 39 tal-proċess.

Ra r-risposta tal-intimati Delicata datata 12 ta' Jannar 2024[3].

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar datata 16 ta' Frar 2024[4].

Ra dak li seħħ fis-seduta tad-19 ta' Frar 2024[5] fejn ġew maħtura l-Periti Mario Cassar u Marie Louise Caruana Galea.

Ra n-noti ġuramentata tal-intimati Delicata, datati 20 ta' Marzu 2024[6] kontenenti d-dokumentazzjoni rikjesta sabiex jitwettaq it-test tal-mezzi.

Ra r-rapport tal-Periti ppreżentat fl-20 ta' Marzu 2024[7].

Ra li fis-seduta tat-8 ta' April 2024[8], din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidra;**

Illi l-proċeduri odjerni huma bbażati fuq l-Att XXIV tas-sena 2021, liema Att nieda proċedura simili għal dik li kienet daħlet fil-konfront ta' kirjiet ibbażati fuq il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-verità l-Att XXIV tas-sena 2021 wettaq ukoll diversi emendi mill-Att preċedenti[9] u dan fi żmien relattivament qasir. Din il-leġislazzjoni hija frott numru konsiderevoli ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nostrana li ddikjarat kemm il-darba ksur tad-drittijiet fundamentali ta' sidien, kemm fir-rigward ta' kirjiet naxxenti mill-Kapitolu 69

[3] A fol 42 *et seq* tal-proċess.
[4] A fol 46 tal-proċess.
[5] A fol 49 tal-proċess.
[6] Noti relattivi jinsabu a fol 52 *et seq* tal-proċess.
[7] A fol 57 *et seq* tal-proċess.
[8] A fol 68 tal-proċess.
[9] Att XXVII tas-sena 2018.

tal-Liġijiet ta’ Malta u kif ukoll dawk li jemerġu mill Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Illi huwa minnu li l-azzjoni hawn utilizzata tippermetti ċertu ammont ta’ diskrezzjoni (u allura responsabbiltà) lil dan il-Bord fl-iffissar tal-persentaġġ li għandu jintuża[10]. Madanakollu, għal dan il-Bord, huwa ċar li dan il-persentaġġ, sakemm verament ma jiġux pruvati xi ċirkostanzi estremi, għandu dejjem ikun viċin il-massimu tiegħu[11]. Naturalment dan huwa aktar aċċentwat f’każ fejn xi sidien, qabel ma jkunu niedu din il-proċedura, jkunu ottjenew dikjarazzjoni li huma sfaw vittmi ta’ ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Ikun ħażin li f’każ bħal dak, dan il-Bord possibbilment ikun hu stess kaġun ta’ kontinwazzjoni ta’ dik il-vjolazzjoni billi jiffissa kirja b’persentaġġ tant baxx li l-kirja l-ġdida tispiċċa wkoll tkun waħda irriżorja.

Illi magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet imiss li dawn il-prinċipji jiġu applikati għall-każ odjern.

---

[10] Dwar dan il-Bord jissenjala li l-leġislatur ħass li fejn qabel, l-Att Nru. XXVII tas-sena 2018 kien jistabbilixxi x’għandu jeżamina l-Bord meta jiġi biex jistabbilixxi l-kirja pagabbli (u dan fil-konfront tal-azzjoni taħt il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta’ Malta), dan il-fattur tneħħa bl-Att Nru XXIV tas-sena 2021. B’hekk skond il-liġi tal-lum, il-Bord hu fil-libertà li jqis kull fattur li huwa jirritjeni determinanti.

[11] Huma issa diversi s-senjalazzjonijiet magħmula fi proċeduri kostituzzjonali u konvenzjonali fuq dan l-aspett. Fost diversi, il-Bord jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Maria Carmela Buhagiar *et* vs Avukat tal-Istat *et,*** (Rik Kost Nru: 120/20/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta’ Ottubru 2022. Ukoll, issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Fatima Azzopardi *et* vs Carmelo Azzopardi *et,*** (210/2020/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta’ Ottubru 2022. Lil hinn minn deċiżjonijiet f’dik il-kompetenza però, dan il-Bord jagħmel referenza għal dak li ntqal u ġie deċiż fl-ismijiet **Helen Sammut vs Joseph Vella *et,*** (Appell Inferjuri Numru 114/2021LM) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-15 ta’ Marzu 2023, fejn aggravju fuq punt simili ġie miċħud.

Illi dwar it-titolu[12] il-Bord huwa sodisfatt mid-dokumenti mar-rikors promotur, u saret ukoll dikjarazzjoni ta' rikonoxximent da parti tal-intimati Delicata[13].

Illi minn eżami tad-dokumentazzjoni tal-intimati relattivi għat-test tal-mezzi, il-Bord huwa sodisfatt li l-intimati jissodisfaw it-test tal-mezzi rikjest, skond il-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11[14].

Illi skond il-Periti Membri Tekniċi, il-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond in kwistjoni, fil-perjodu rilevanti skond il-liġi, jammonta għal mitejn elf Ewro (€200,000). Tajjeb jingħad li fil-verbal tad-19 ta' Frar 2024, ġie speċifikat li ma kellux jittieħed qies tal-eventwali potenzjal tal-fond in kwistjoni[15]. Ir-rapport kien wieħed unanimu u għalhekk dan il-Bord qiegħed jaċċetta dik il-konklużjoni[16].

Illi kif diġà ntqal, għal dan il-Bord, persentaġġ viċin il-massimu ta' 2% għandha tkun ir-regola, u f'dan il-każ ma ġiet ippruvata l-ebda ċirkostanza li twassal il-Bord sabiex jistabbilixxi persentaġġ inqas mill-massimu li tippermetti l-liġi. B'hekk, il-kera annwali pagabbli tal-fond in kwistjoni għandu jkun fl-ammont ta' erbat elef Ewro (€4,000) fis-sena.

Illi finalment jingħad li din il-kawża infetħet biss minn uħud mill-kompropjetarji tal-fond din kwistjoni. Il-kompropjetarji l-oħra ma ġewx kjamati in kawża.

---

[12] Dwar dan, il-Bord jiġbed l-attenzjoni għal-fatt li n-nomenklatura ta' min jista' jħejji azzjoni ai termini tal-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta jew l-artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta inbidel. Filwaqt li l-Att XXVII tas-sena 2018 (relevanti għall-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta) kien isemmi li l-azzjoni li kien "il-propjetarju" li seta' jippreżenta tali rikors, l-Att XXIV 2021, ġustament, illum jutilizza l-kliem "sid il-kera".

[13] A fol 68 tal-proċess.

[14] Regolamenti 5(6) u 6(5) magħdud ma' dak li jrid Regolament 9.

[15] F'dan is-sens il-Bord jagħmel referenza għas-sentenza tiegħu fl-ismijiet **Gerald Camilleri *et* vs Alphonse Camilleri *et*,** (Rik Nru: 213/2020) mogħtija nhar is-27 ta' Ottubru 2023 (mhux appellata) li fiha ġew imħaddna l-prinċipji relattivi emerġenti mill-aħħar sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali dwar dan il-punt. Dan il-ħsieb ġie wkoll mtenni fis-sentenza fl-ismijiet **Vincent Bonello *noe* vs Joseph Cardona *et*,** (Rik Nru: 53/20NB) mogħtija minn dan il-Bord diversament presedut nhar il-25 ta' Jannar 2024.

[16] Artikolu 23(3) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

Madanakollu, ġaladarba rriżulta li f'dan il-każ sejjer ikun hemm l-awment tal-kera (u mhux eventwali żgumbrament) il-Bord ma jsibx li hemm xkiel sabiex tingħat deċiżjoni fuq l-azzjoni kif promossa. Possibbilment l-istorja kienet tkun oħra li kieku kien hemm ħtieġa tal-iżgumbrament minħabba t-test tal-mezzi u allura t-terminazzjoni tal-kirja.

Għaldaqstant il-Bord qiegħed jiddisponi minn din il-vertenza billi:

1) Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara u jiddeċiedi li l-intimati Joseph u Carmela Delicata huma l-inkwilini tal-fond numru għaxra (10) Santa Rita, Triq il-Papa Urbanu VIII, Birkirkara skont il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta.
2) Jastjeni milli jqis aktar it-tieni talba stante li t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament ta' dawn il-proċeduri.
3) Jilqa' it-tielet u r-raba' talba, u b'hekk jordna li l-intimati Delicata jibdew iħallsu lir-rikorrenti kera għall-fond mertu ta' dawn il-proċeduri, u ċioé il-fond numru għaxra (10) Santa Rita, Triq il-Papa Urbanu VIII, Birkirkara, iżda dan fl-ammont ta' tlett elef u ħames mitt Ewro (€3,500) fis-sena[17], u dan stante li jirriżulta mir-rikors promotur illi r-rikorrenti għandhom sebgħa minn tmien parti indiviżi mill-fond in kwistjoni u mhux sidien tal-fond intier. Konsegwentement, jordna lill-intimati Delicata jħallsu tali kera ta' tliet elef u ħames mitt Ewro (€3,500) fis-sena fl-ammont ta' mitejn u wieħed u disgħin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€291.66ċ) fix-xahar, pagabbli kull xahrejn bil-quddiem lir-rikorrenti, u dan mid-data ta' din is-sentenza.
4) Jiċħad il-ħames talba.
5) Jiċħad l-eċċezzjonijiet sa fejn inkompatibbli ma' dak hawn deċiż.

[17] Dan għaliex l-ammont ta' erbat elef Ewro (€4,000) diviżi bi tmienja (8) u multiplikat b'sebgħa (7) iġib s-somma ta' tlett elef u ħames mitt Ewro (€3,500).

Minħabba n-natura tal-proċeduri, kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha. L-ispejjeż tal-Awtorità tad-Djar jibqgħu bla taxxa.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur